MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru. 19/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**George Saliba**

Kaz Numru: 19/2012

Illum 12 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **George Saliba**, ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Joseph u Natalie neé Saliba, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar id-19 ta' Dicembru, 1987, residenti fil-fond Maple Leaf, Triq il-Kappuccini, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 4988(G), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Awwissu 2010, gewwa l-fond Aurora fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Ghawdex:

1. haraq xoghol tan-nar minn fuq il-bejt tal-fond Aurora fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, minghajr ma kien kopert b'licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 13).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 14).

Rat il-*Proces Verbal* numru 911/11 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 19 *et seq.*) fejn gie konkluz li kien hemm ragunijiet sufficjenti ghaliex ghandhom jittiehdu passi kriminali kontra, fost l-ohrajn, George Saliba.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq ebda provi.

Semghet lid-difiza, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 73), tiddikjara li ma kienitx qed tikkontesta illi l-hruq tal-kaxxa in kwistjoni taqa' taht l-Explosives Ordinance Act (Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghaldaqsant il-Prosekuzzjoni ma nsistitx ghan-nonima ta' espert.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 80 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed **Dr. Teddie George Farrugia** (*a fol.* 15 *et seq.*) rigward certifikat mediku rilaxxat minnu[1] (*a fol.* 29) u kkonferma l-kontenut ta' tali certifikat. Iddeskriva l-griehi sofferti minn George Saliba bhala feriti ta' natura hafifa, salv kumplikazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 51 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu fejn, fost l-ohrajn, qal li l-imputat kien iddahhal l-isptar b'xi griehi f'wiccu. Jghid ukoll li nfethet inkjesta magisterjali. Ezebixxa stqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "FT 2" – *a fol.* 54 *et seq.*). Jispjega li f'dik il-gimgha meta gara l-akkadut kienet il-festa ta' Santa Marija u li l-kazin tal-Aurora kienu ottjenu permess biex tinharaq kaxxa tan-nar f'dak il-lejl u li l-permess kien jghajjat lil Jason Mifsud.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **PS 1233 John Attard** (*a fol.* 60 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu u li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 62 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **PS 1407 Frank Portelli** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn qal li PS 1233 kien qed ifittex lill-imputat u spjega kif marru flimkien il-kazin u mbaghad wara d-dar tal-imputat fejn sabuh u li l-imputat qal li kienu qeghdin jaghtu xi nar minn fuq il-bejt tal-kazin u tfixkel fil-karkura bil-konsegwenza li kien ha n-nar go wiccu.

[1] *A fol.* 8 tal-Inkjesta Magisterjali.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Max Xuereb** (*a fol.* 66 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien ha r-ritratti li jiffurmaw parti mill-inkjesta magisterjali.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012, xehed **PS 369 Joseph Mizzi** (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn qal li gie mitlub jixhed dwar x'permessi kien hemm dwar hruq ta' stoppini fil-festa ta' Santa Marija tal-2010 u qal, fost l-ohrajn, li fil-11 ta' Awwissu 2010 kien hemm permess f'11.45pm ghall-hruq. Jghid li dan kellu jsir minn fuq it-Teatru Aurora, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex. Jghid li l-persuna li nhariglu l-permess kien Jason Mifsud. Ezebixxa licenzja li giet mmarkata bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 71).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2013, rega' xehed **PS 369 Joseph Mizzi** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn qal li l-imputat George Saliba (I.D. Nru. 4988(G)) ma kellu ebda licenzja fil-11 u fit-12 ta' Awissu 2010.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li haraq xoghol tan-nar meta ma kienx kopert b'licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija. Mill-provi akkwiziti jirrizultaw is-segwenti:

- Fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Awwissu 2010 kienet qed tigi celebrata l-festa ta' Santa Marija.

- PS 1407 Frank Portelli jispjega kif l-imputat qallu li kienu qeghdin jaghtu xi nar minn fuq il-bejt tal-kazin.

- L-imputat sofra griehi fuq mohhu u geddumu. Dan gie konfermat minn Dr. Teddie George Farrugia li ddeskriva l-griehi sofferti mill-imputat bhala feriti ta' natura hafifa.

- Il-permess ghall-hruq tan-nar dakinhar tal-akkadut kien jghajjat lil Jason Mifsud. L-imputat ma kellu ebda licenzja f'dan is-sens.

- L-imputat irrilaxxa stqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 54 *et seq.*) li ttiehdet wara li huwa ddikjara li ma riedx ikellem avukat (Dok. "FT 3" – *a fol.* 56). F'din l-isqarrija, l-imputat qal li fil-lejl in kwisjtoni kien ta n-nar li kien hemm fuq il-kazin.

Illi wara li l-Qorti kkunsidrat dan kollu ma jibqghalha l-ebda dubju li effettivament l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat u l-fedina penali tieghu (Dok. "B" – *a fol.* 12) li hija wahda nadifa. Il-Qorti tifhem li minkejja li fil-kaz odjern wegga' biss l-imputat innifsu xorta jibqa' l-fatt li dak li ghamel l-imputat setgha kellu konsegwenzi ferm u ferm aktar serji. Huwa dan li l-ligi tixtieq li jigi evitat u din hija r-raguni ghala l-pieni taht Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta huma dawk li huma. Minhabba dan, il-Qorti,

wara li rat dak li jiddisponi Artikolu 45C tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat Artikoli 29 u 33 tal-istess kapitolu mhijiex tal-fehma li ghandha timponi terminu ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat u anqas hlas ta' multa pero ghandha timponi terminu ta' prigunerija li ghandu jkun sospiz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat George Saliba hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat George Saliba fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta' hamsa u tletin Euro u sbatax-il centezmu (€ 35.17) liema somma tirraprezenta nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert Max Xuereb fl-inkjesta magisterjali (*a fol.* 19 *et seq.*).[2]

## < Sentenza Finali >

[2] In-nofs l-iehor tal-ispejjez gie kundannat ihallashom Jason Misud (I.D. 32676(G)) li kontra tieghu giet moghtija decizjoni llum stess fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mifsud** (Kaz Numru. 20/2012).

---------------------------------TMIEM---------------------------------